REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 199/2009

tat-13 ta' Marzu 2009

li jistabbilixxi miżura tranżitorja li tidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-provvista diretta ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk li ġej minn qatgħat ta' brojlers u dundjani

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-salmonella u ta' aġenti żoonotiċi oħra speċifikati li jinġarru fl-ikel ([1]) u, partikolarment l-Artikolu 13(1) tiegħu;

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jassigura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-identifikazzjoni u l-kontroll tas-salmonella u ta' aġenti żoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha ta' produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni, u partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, biex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju li dawn iġorru magħhom għas-saħħa pubblika.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 ma japplikax għall-produzzjoni primarja għall-użu privat domestiku jew li twassal għall-provvista diretta, mill-produttur, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji għall-konsumatur finali jew għal stabbilimenti ta' ħwienet lokali li direttament jissupplixxu l-prodotti primarji għall-konsumaturi. Skont dak ir-Regolament provvista diretta bħal din għandha tkun irregolata mir-regoli nazzjonali li jiżguraw li l-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jintlaħqu.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li għandha tiġi stabbilita mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi tas-salmonella kollha b'sinifikat għas-saħħa pubblika fit-tiġieġ tat-tip brojlers u dundjani fil-livell ta' produzzjoni primarja. Jipprevedi wkoll li l-mira Komunitarja għandha tinkludi d-defenizzjoni tal-iskemi tal-ittestjar neċessarju biex jivverifika l-kisba tal-mira.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 646/2007 ([2]) jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fir-rigward ta' mira tal-Komunità għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerta salmonella fil-brojlers fil-livell tal-produzzjoni primarja. Dan jistipula wkoll l-iskema tal-ittestjar meħtieġa għall-verifika tal-progress fil-kisba tal-mira Komunitarja. Din l-iskema tal-ittestjar trid tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 584/2008 ([3]) jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fir-rigward ta' mira tal-Komunità għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerta salmonella fil-brojlers fid-dundjani fil-livell tal-produzzjoni primarja. Dan jistipula wkoll l-iskema tal-ittestjar meħtieġa għall-verifika tal-progress fil-kisba tal-mira Komunitarja. Din l-iskema tal-ittestjar trid tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 ma japplikax għal ċerta produzzjoni primarja. Madankollu, hu japplika għal qatgħat ta' brojlers u dundjani fejn il-produttur għandu f'moħħu li jforni kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk, li ġej minn qatgħat bħal dawk, għall-konsumatur finali; jew għal stabbilimenti ta' ħwienet lokali li jissupplixxu direttament il-prodotti primarji għall-konsumatur finali. Għalhekk, skont l-iskemi tal-ittestjar stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 646/2007 u (KE) Nru 584/2008 tjur bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għal testijiet mandatorji qabel il-qtil.

(7) L-ittestjar ta' dawn il-qatgħat ta' brojlers u dundjani jwassal għal diffikultajiet prattiċi għall-produtturi b'numru żgħir ħafna ta' annimali billi ttestjar kontinwu jkun meħtieġ qabel il-qtil. B'mod partikolari, il-bejgħ għandu mnejn jitwaqqaf billi r-riżultati tal-ittestjar iridu jkunu magħrufa qabel il-qtil.

(8) Biex jiġi evitat li deroga mill-ittestjar mandatorju kontinwu f'qatgħat bħal dawk iżżid ir-riskju tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli nazzjonali li jiddeterminaw il-fornitura tal-laħam frisk tal-produttur biex l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jintlaħaq.

(9) Huwa għalhekk xieraq bħala miżura tranżitorja, li jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003, qatgħat ta' brojlers u dundjani fejn il-produttur għandu f'moħħu li jforni kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk, ġej minn qatgħat bħal dawn, għall-konsumatur finali jew għal stabbilimenti ta' ħwienet lokali li jissupplixxu direttament laħam frisk għall-konsumatur finali.

(10) Provvista bħal din hija rari matul il-perjodu tax-xitwa u għalhekk il-miżura tranżitorja għandha tapplika mir-rebbiegħa tal-2009 'il quddiem.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 151, 13.6.2007, p. 21.
([3]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, dak ir-Regolament ma għandux japplika għal qatgħat ta' brojlers u dundjani fejn il-produttur għandu f'moħħu biss li jforni kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk, kif imsemmi fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], li ġej minn qatgħat bħal dawn, għal:

(a) il-konsumatur finali; jew

(b) stabbilimenti ta' ħwienet lokali li direttament ifornu laħam frisk bħal dak għall-konsumatur finali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli nazzjonali li jiddeterminaw il-provvista tal-laħam frisk mill-produttur, kif imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex dak l-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jintlaħaq.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Huwa għandu japplika għal perjodu ta' tliet snin.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 22.